Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol numru 2188/JB bejn Mario Frendo u l-Korporazzjoni ghas-servizz ta' l-ilma dwar l-allegat ta' l-artiklu hamsa (5) ta' l-avviz li kelli 429 tas-sena 2002.

Decizjoni Numru

Illum, ta' Ottubru, 2006.

Chairman: Dr Joseph P. Bonnici, LL.D

**Introduzzjoni**

Illi, b'rikors prezentat fid-29 ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) ir-rikorrent allega illi kien impjegat mas-socjeta intimata fuq kuntratt definit, applika ghal zewg vacancies ma giex moghti l-istess opportunita bhall-impjegati ohra fuq kuntratt definit sabiex jakkwista xoghol similarment ghal perjodu definittiv. Allura kien hemm ksur tal-ligi u ghalhekk talab lil dan it-Tribunal f'kaz ta' ezitu favorevoli jillikwidalu kumpens xieraq.

Da parti taghha l-Korporazzjoni ntimata rribadiet illi, ma kisret l-ebda ligi stante illi, kulhadd kien informat bl-aktar mod trasparenti u l-applikazzjoni tieghu giet processata u l-ghazla giet maghmula bl-aktar mod gust u professjonali.

**Konsiderazzjonijiet**

Jinghad illi, r-rikorrent kien impjegat mal-Korporazzjoni intimata b'kuntratt definit ta' xoghol u kien wasal fit-terminazzjoni tieghu. Ra li kien hemm opportunita ghal post ta' Finance and Administration Executive mal-MDS Limited u post ghal Senior Technician fil-Control Room. Huwa jallega illi, ma nghatax din l-opportunita li jigi konsiderat ghal dawn il-postijiet. Matul il-perjodu tieghu ta' mpjieg bejn l-29 ta' Jannar 2001 u t-28 ta' Jannar tas-sena 2004, ir-rikorrent kien qed jaghti s-servizz ta' Corporate Service Management. Kif giet spejagat dan kien jinvolvi management tat-technical store u l-fittings kif ukoll personnel u sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol. F'nofs il-kuntratt tieghu r-responsabbilita tieghu gew diminizzata minhabba l-performance tieghu.

Meta nhargu l-applikazzjonijiet ghal Finance and Administrative Executive mal-MDS Limited kull Manager inkluz ir-rikorrent kien ikollhom il-kompitu li jqassmu cirkulari u allura awtomatikament kienu jkunu jafu bl-istess vacancy. Min japplika jinghat speci ta' rcevuta bhala acknowledgement tal-applikazzjoni, imbaghad kull applikazzjoni  tigi processata u jinhatar borp ta' selezzjoni.

Irrizulta pero' illi, l-process ta' ghazla ghal Finance & Administrative Executive ma gietx kompletata ossia l-ebda applikazzjoni ma giet konsiderata peress illi, irrizulta li ma kien necessarju impjieg full time izda kien hemm bzonn ta' uzu ahjar mir-rizorsi umani li kien hemm fuq il-post tax-xoghol.

Il-vacancy sa dak in-nhar kienet ghada vojta. Ghar-rigward tal-applikazzjoni l-ohra ta' Senior Technician fil-control room gie konfermat illi r-rikorrent applika ghal din l-istess vacancy u dana wara li kienu hargu dan ic-cirkulari, inhatar bord ta' selezzjoni, gew konsiderati l-applikazzjonijiet pero' fir-rigward tar-rikorrent irrizulta li kien over qualified u ghalhekk ma setghax jintazel huwa. Fil-kaz odjern apparti engineering background kien qed jigi mitlub ukoll kwalifikazzjoni fl-OTD/HDT. Kwalifiki li r-rikorrent ma kellhux. Dak li gie mpjegat kellhu Diploma fil-Hydrology u li kellhu esperjenza li jahdem f'Control Room. Li naqas li jghid ir-rikorrent izda gie sottomess mic-Chief Officer tal-Korporazzjoni intimata huwa li fit-terminu ta' l-impjieg tieghu huwa nghata somma ex gratio ta' tlett t'elef tmiem mija u sebgha u sebghin lira maltin (Lm3,877), fit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu.

Illi, r-rikorrent allega illi, il-korporazzjoni intimata ddiskriminat mieghu meta nhargu l-applikazzjonijiet ghal post tax-xoghol. Mill-provi prodotti mill-korporazzjoni intimata dana ma rrizultax. Kif ukoll li l-istess rikorrent naqas li jipprova fil-konfront tieghu illi din hija diskriminazzjoni ghall-istess. Il-Kjarifika moghtija mill-korporazzjoni intimata ma gewx kontestati mir-rikorrent.

**Konkluzjoni**

It-Tribunal jiddeciedi illi, r-rikorrent ma ppruvax li giet kagunata xi diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u ghalhekk it-talba tieghu qed tigi michuda.

Bhala tassazzjoni ta' drittijiet qed jigi ffissat l-ammont ta' ghoxrin lira maltin (Lm20).

**Avv Joseph P. Bonnici**
Chairman